



Brussell, 26 ta' Frar 2018  
(OR. en)

6330/18

**COHOM 27  
CFSP/PESC 162  
DEVGEN 16  
COASI 35  
FIN 140**

### EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 26 ta' Frar 2018

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 9/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Appoġġ mogħti mill-UE għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja"

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 9/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Appoġġ mogħti mill-UE għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja", adottat mill-Kunsill fit-3598 laqgħa tiegħu li saret fis-26 ta' Frar 2018.

## **ANNESS**

### **Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 9/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Appoġġ mogħti mill-UE għall-Ġlieda Kontra t-Traffikar tal-Bnedmin fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja"**

1. Il-Kunsill jilqa' r-Rapport Speċjali Nru 09/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu: "Appoġġ mogħti mill-UE għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja"<sup>1</sup>.
2. Il-Kunsill jinnota l-konklużjonijiet tar-Rapport Speċjali li l-UE kienet effettiva fl-appoġġ għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja u li l-qafas ta' politika tal-UE dwar it-traffikar tal-bnedmin jipprevedi b'mod estensiv approċċ komprensiv biex jiġi indirizzat it-traffikar tal-bnedmin, għalkemm ċerti aspetti għadhom mhux żviluppati għalkollox; Minbarra dan, il-Qorti tindika wkoll li d-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem kienu għoddha partikolarmen utli fl-appoġġ għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin. Il-Kunsill innota wkoll li l-proġetti eżaminati mill-Qorti fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja pproduċew xi riżultati pożittivi fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, anke jekk l-impatt tagħhom seta' jkun akbar kieku ġie adottat approċċ komprensiv, li jippermetti aktar interazzjoni u sinerġiji bejn il-proġetti u għodod rilevanti għat-traffikar tal-bnedmin.
3. Il-Kunsill jirrikoxxi u jieħu nota tajba tar-rakkmandazzjonijiet tal-Qorti b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi żviluppat aktar il-qafas strateġiku tal-UE kontra t-traffikar tal-bnedmin, li titjeb il-gwida dwar id-dimensjoni esterna, u li jiġi żgurat li l-proġetti jitfasslu b'tali mod li jimmassimizza l-impatt tagħhom. Il-Kunsill jirriafferma r-rieda tiegħu li jinvolvi ruħu aktar u javvanza l-ħidma tiegħu rigward politika effettiva tal-UE li tindirizza t-traffikar tal-bnedmin, inkluż il-prevenzjoni u t-tnaqqis tad-domanda, kif ukoll l-assistenza u l-appoġġ għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin.
4. Il-Kunsill jieħu nota tat-tweġibiet tal-Kummissjoni u tas-SEAE li jakkumpanjaw ir-Rapport Speċjali kif ukoll l-aċċettazzjoni min-naħħa tagħħom tar-rakkmandazzjonijiet tal-Qorti u jilqagħhom b'sodisfazzjon.

---

<sup>1</sup>

[https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR17\\_9/SR\\_HUMAN\\_TRAFFICKING\\_mt.pdf](https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR17_9/SR_HUMAN_TRAFFICKING_mt.pdf)

5. Il-Kunsill jirrikonoxxi li t-triq għal sħubiji ddedikati għal kontra t-traffikar tal-bnemin u sostenibbiltà akbar tal-proġetti fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja jiddependu fuq djalogi dejjem aktar kostruttivi mal-pajjiżi u formats reġjonali bħall-ASEAN u l-ASEM, dwar kwistjonijiet usa' bħar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-assistenza għall-kooperazzjoni, li fi ħdanhom attwalment qed jiġi diskuss it-traffikar tal-bnemin. Huwa proċess li jeħtieġ iż-żmien, ir-riżorsi u kooperazzjoni b'sahħħitha mal-kontropartijiet fir-reġjun. It-tnedija fl-2015 ta' Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u l-ASEAN hija eżempju wieħed ta' impenn konġunt.
6. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex jimplimentaw ir-rakkmandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali u jilqa' l-azzjonijiet li digħi ttieħdu jew li għadhom għaddejjin. B'mod partikolari, il-Kunsill jilqa' l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-Komunikazzjoni bit-titlu "Rappurtar dwar is-segwitu tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Eradikazzjoni tat-traffikar tal-bnemin u identifikazzjoni ta' azzjonijiet konkreti oħra"<sup>2</sup> bħala bażi għall-iżvilupp ta' miżuri prattiċi ulterjuri fir-relazzjonijiet esterni u żoni ta' assistenza lejn l-implementazzjoni tal-ambitu shiħi tar-rakkmandazzjonijiet li saru fir-Rapport Speċjali.
7. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jintensifikaw u jikkoordinaw aħjar l-isforzi biex jiġi indirizzat b'mod effettiv it-traffikar tal-bnemin fl-Asja t'Isfel u x-Xlokk tal-Asja.

---

<sup>2</sup> COM(2017) 728 final